



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Diċembru 2022 – Pshonka vs Il-Kunsill

(Kawża T-242/21)<sup>1</sup>

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Lista ta’ persuni, entitajiet u organi li għalihom japplika l-iffriżar ta’ fondi u ta’ riżorsi ekonomiċi – Żamma ta’ isem ir-rikorrent fil-lista – Obbligu tal-Kunsill li jivverifika li d-deċiżjoni ta’ awtorità ta’ Stat terz ittieħdet fir-rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva”

1. *L-Unjoni Ewropea – Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi tal-persuni implikati fil-miżapproprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi u tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew organi assoċjati magħhom – Portata tal-istħarriġ*

*(It-tieni paragrafu tal-Artikolu 275 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 47 u 48; Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/394; Regolament tal-Kunsill 2021/391)*

*(ara l-punti 60, 61)*

2. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Deċiżjoni ta’ ffriżar ta’ fondi – Adozzjoni jew żamma fuq il-bażi ta’ proċedura ġudizzjarja mmexxija mill-awtoritajiet ta’ Stat terz fil-qasam tal-miżapproprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi jew tal-abbuż ta’ poter mill-persuna li għandha kariga pubblika – Ammissibbiltà – Kundizzjoni – Deċiżjoni nazzjonali adottata b’rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Obbligu ta’ verifika li jaqa’ fuq il-Kunsill – Obbligu ta’ motivazzjoni – Portata – Stat terz li aderixxa għall-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem – Assenza ta’ effett – Għan tal-miżuri restrittivi intiżi li jsaħħu l-Istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem*

*(Artikolu 21(2)(b) TUE; Deċiżjoni 2014/119/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/394, premessa 2 u l-Anness; Regolamenti tal-Kunsill Nru 208/2014, Anness I, u 2021/391)*

*(ara l-punti 62-68)*

<sup>1</sup> ĠU C 263, 5.7.2021.

3. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi – Adozzjoni jew żamma fuq il-bażi ta' proċedura ġudizzjarja mmexxija mill-awtoritajiet ta' Stat terz fil-qasam tal-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi jew tal-abbuż ta' poter mill-persuna li għandha kariga pubblika – Kundizzjonijiet – Deċiżjoni nazzjonali adottata b'rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Obbligu li l-awtorità kompetenti tal-Unjoni tistabbilixxi, fil-każ ta' kontestazzjoni, il-fondatezza tal-motivi invokati kontra l-persuni jew entitajiet ikkonċernati – Obbligu ta' verifika tar-rispett tal-imsemmija drittijiet li jaqa' fuq il-Kunsill – Ksur*

*(Deċiżjoni 2014/119/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/394, Anness; Regolamenti tal-Kunsill Nru 208/2014, Anness I, u 2021/391)*

*(ara l-punti 73, 75, 83, 86-91, 111)*

4. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi – Adozzjoni jew żamma fuq il-bażi ta' deċiżjoni nazzjonali ta' ffriżar ta' fondi ta' awtorità ta' Stat terz – Ammissibbiltà – Kundizzjoni – Deċiżjoni nazzjonali adottata b'osservanza tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Obbligu ta' verifika li jaqa' fuq il-Kunsill – Prova tal-verifika – Oneru tal-prova*

*(Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2021/394; Regolamenti tal-Kunsill Nru 208/2014 u 2021/391)*

*(ara l-punti 90-92, 110)*

5. *Dritt tal-Unjoni Ewropea – Prinċipji – Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva – Osservanza ta' terminu raġonevoli – Miżuri restrittivi meħuda fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Proċedura ġudizzjarja f'pajjiż terz li sservi bħala bażi għad-deċiżjoni ta' adozzjoni tal-miżuri restrittivi – Obbligu ta' verifika tal-Kunsill – Portata*

*(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 47 u 52(3))*

*(ara l-punti 94-107)*

## **Dispożittiv**

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/394 tal-4 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/391 tal-4 ta' Marzu 2021 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukrajna, huma annullati sa fejn isem Artem Viktorovych Pshonka nżamm fil-lista ta' persuni, entitajiet u organi li fir-rigward tagħhom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.